**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 16/19 JZM**

**Anne Agius (ID : 57807L)**

***u***

**Justin Agius (ID : 351262M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta` Gunju 2019 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti Anne Agius kienet azzjonista tas-socjeta` The County Developments Company Limited (C-2296) filwaqt li l-esponenti Justin Agius huwa eredi ta` azzjonista iehor Edgar Augustine Agius (ID 29323M) ;*

*Illi jirrizulta illi fl-1 ta` Lulju 2014 isem din is-socjeta` gie mhassar mir-Registru tal-Kumpanniji ;*

*Illi l-esponenti jhossu ruhhom aggravati minn din id-decizjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji peress illi jirrizulta lill-esponenti illi attwalment din is-socjeta` ghad ghandha numru ta` assi konsistenti fi propjetajiet immobbli, kif jista` jigi ppruvat matul is-smigh tar-rikors ;*

*Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kellhom x`jaqsmu mal-gestjoni tal-istess socjeta` u li kienet ilhga ma topera snin twal ;*

*Illi barra minn hekk, din is-socjeta` kienet bdiet proceduri ta` stralc, liema proceduri qatt ma gew konkluzi ;*

*Illi kien biss wara li isem is-socjeta` msemmija thassar illi huma saru jafu illi din is-socjeta` kien ghad ghandha dawn l-assi ;*

*Illi dan ir-rikors qed isir fit-terminu previst fl-artikolu 325(4) tal-Kap 386 u l-esponenti ghaldaqstant huma persuni interessati jew membri skont l-istess atrikolu ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji jerga` jdahhal isem is-socjeta` The County Developments Company Limited (C-2296) fir-Registru tal-Kumpanniji u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta prezentata fis-26 ta` Awissu 2019 liema risposta kienet ikkonfermata bil-gurament mill-Av. Dr. Claudette Fenech.

Taqra hekk –

*Illi fis-17 ta` Lulju 1984 l-azzjonisti xoljew il-kumpannija The County Developments Company Limited (C-2296) u fl-istess gurnata giet mahtura s-socjeta` Advisory Managament Services Limited bhala stralcjarju ;*

*Illi fit-2 ta` Frar 1985 Joanna Agius innotifikat lir-Registratur permezz ta` avviz illi dahlet stralcjarju minflok is-socjeta` fuq imsemmija ;*

*Illi mid-data tal-hatra taghha sad-data tal-lum l-istralcjarju ma baghtet ebda dokument jew prospett lir-Registratur ghar-registrazzjoni ;*

*Illi ghalhekk fis-27 ta` Frar 2014, ir-Registratur baghat lill-kumpannija fl-ufficju registrat taghha lill-istralcjarju fl-indirizz residenzjali taghha (li pprovdiet is-Sinjnura Agius stess fl-avviz imsermmi) korrispondenza bil-pubblikazzjoni mehmuza maghha skont kif jitlob l-Att sabiex javza illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kellu jigi mhassar minn fuq ir-registru wara terminu preskritt ta` tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni. Dan sakemm, ebda persuna ma taghmel oggezzjoni ghal tali thassir ;*

*Illi waqt it-terminu fuq imsemmi la r-rikorrenti u lanqas ebda persuna ohra ma oggezzjona ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija ;*

*Illi konsegwentement ir-Registratur kompla billi fis-27 ta` Frar 2014 ippubblika l-avviz fejn specifika illi fi zmien tliet xhur jigifieri fis-27 ta` Mejju 2014 sakemm ma jkunx hemm oggezzjoni l-isem tal-kumpannija The County Developments Company Limited (C2296) kien sejjer jigi mhassar minn fuq ir-registru ;*

*Illi skont l-Artikolu 325(4) ta` l-Att kull persuna setghet hassietha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija kien gie mhassar minn fuq ir-registru, din ghandha hames snin sabiex permezz ta` rikors pprezentat l-qorti tali isem jista` jigi restitwit fuq ir-registru taht*

*dawk il-provvedimenti jew direttivi illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni skont ic-cirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha ;*

*Illi fil-proceduri odjerni permezz ta` rikors ipprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti fit-28 ta` Gunju 2019 ir-rikorrenti qeghdin jaghmlu talba sabiex l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-registru u din ibbazata fuq l-Artikolu fuq imsemmi ;*

*Illi billi a kuntrarju ta` dak li nghad fir-rikors promotur it-terminu preskritt ta` hames snin illi jipprovdi l-Artikolu 325(4) ta` l-Att kien diga` ghadda meta gie prezentat ir-rikors promotur mir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talba taghhom ghandha tigi michuda peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2019 il-partijiet inghataw direzzjoni fis-sens illi qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu, kellha tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni.

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Dr. Claudette Fenech.

Rat id-dokumenti kollha li kienu prezentati fil-kors tal-udjenza.

Semghet fl-istess udjenza s-sottomissjonijiet li saru mid-difensuri dwar l-eccezzjoni de qua.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni de qua.

Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fit-8 ta` Jannar 2020.

Rat l-atti l-ohra.

**II. <u>Provi</u>**

**Il-Qorti sejra tirreferi <u>biss</u> ghal dawk il-provi li huwa rilevanti ghall-fini tal-provvediment tal-lum.**

**1. <u>Xiehda</u>**

L-unika persuna li xehdet kienet l-**<u>Av. Dr. Claudette Fenech</u>** bhala rapprezentant tal-intimat.

Ix-xiehda taghha kienet kostitwita in parte bil-konferma da parti taghha tal-kontenut tar-risposta tal-intimat, u in parte bid-deposizzjoni taghha viva voce fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2019.

Il-Qorti sejra tirreferi fil-qosor ghal dak li Dr Fenech xehdet viva voce, billi diga` saret referenza ghal dak li nghad fir-risposta, liema kontenut kien ikkonfermat bil-gurament minn Dr Fenech.

Ipprezentat bhala Dok CF1 id-dokumenti ufficjali relattivi ghax-xoljiment tal-kumpannija de qua.

Xehdet li billi l-kumpannija in kwistjoni kienet kostitwita skont il-Kap 168, ma kienx hemm htiega ta` *compliance* mal-Kap 386, ghaliex lahqet giet xjolta, meta l-Kap 386 dahal fis-sehh.

Kompliet tixhed li l-azzjoni tal-intimat skattat skont l-Art 325(3) tal-Kap 386. L-ewwel ittra ntbaghtet fis-27 ta` April 2014 lill-istralcjarju u lill-kumpannija. Pero` lura minghandhom ma wasal xejn. Ftit wara ntbaghtet it-tieni ittra pero` rega` ma kienx hemm risposta.

Domandata dwar l-isem tal-kumpannija li kien indikat fl-avvizi, stqarret li fil-kaz tal-ewwel u tat-tieni avvizi kien hemm zball fis-sens illi ghalkemm in-numru ta` registrazzjoni kien tajjeb u cioe` C-2296, kelma fl-isem tal-kumpannija u cioe` *County* kienet indikata bhala *Country.* It-tieni avviz kien ippubblikat fit-30 ta` Gunju 2014.

Imbaghad fl-1 ta` Lulju 2014 kien pubblikat avviz bir-rettifika tal-izball fl-isem li kien indikat fl-avviz tat-30 ta` Gunju 2014.

Fissret illi ghall-intimat il-kumpannija thassret mir-registru fis-27 ta` Mejju 2014 u ghalhekk il-hames snin stabbiliti fil-ligi ghaddew fis-27 ta` Mejju 2019.

Specifikat illi kien biss fit-tielet avviz li deher l-isem korrett tal-kumpannija. Qalet li l-isem qatt ma nbidel (u lanqas in-numru) minn mindu kienet kostitwita sakemm thassret mir-registru.

**2. <u>Dokumenti</u>**

**Iz-zewg nahat ipprezentaw dokumenti.**

**Mid-dokumenti kollha li kienu esebiti sejra tirreferi biss ghal dawk li jaghmlu parti minn Dok CF1 li kien prezentat mill-intimat ghaliex tqis li dawn huma rilevanti ghall-accertament tal-eccezzjoni *ut sic* li dwarha qieghed jinghata l-provvediment odjern.**

**Jidher evidenti li l-iskop tad-dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti kien sabiex iqeghdu in diskussjoni r-raguni ghalfejn fil-kaz taz-zewg provvedimenti citati mir-rikorrenti l-intimat ma tax l-eccezzjoni tad-dekadenza meta kellu ghaliex jaghmel dan, mentri fil-kaz taghhom kien pront jaghti l-eccezzjoni.**

**Kienet x`kienet ir-raguni tar-rikorrenti ghall-prezentata tad-dokumenti, jibqa` l-fatt li ghall-fini tal-kaz odjern, id-dokumenti ma jwasslux ghal soluzzjoni tal-kwistjoni.**

Sejra tirreferi ghall-inkartament li jaghmel Dok CF1 f`ordni kronologiku :-

**i) <u>Fol 19</u>**

Din hija *notice of dissolution* skont il-Kap 168 ta` The County Development Company Limited – C-2296. Id-data tax-xoljiment kienet : **<u>17 ta` Lulju 1984</u>**.

Ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija hemm il-kelma *Development* mhux *Developments* kif jidher fir-rikors promotur. In-*notice* hija ffirmata minn *J. Agius / Director.*

**ii) <u>Fol 20</u>**

Din hija *notice of appointment of liquidator* skont il-Kap 168 datata 17 ta` Lulju 1984 iffirmata minn *E. Cachia Caruana (Sole Director)* fejn Management Advisory Services Limited kienet mahtura bhala stralcjarju ta` The County Development Company Limited (C-2296) b`effett mis-**<u>17 ta` Lulju 1984</u>**.

Anke fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija tidher il-kelma *Development* mhux *Developments* kif hemm fir-rikors promotur.

**iii) <u>Fol 21</u>**

Din hija *extraordinary resolution* datata **<u>2 ta` Frar 1985</u>** fejn il-membri tal-kumpannija The County Development Company Limited qablu *inter alia* li Management Advisory Services Limited tkun sostitwita bhala stralcjarju minn Joanna Agius.

Anke fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija tidher il-kelma *Development* mhux *Developments* kif hemm fir-rikors promotur.

**iv) <u>Fol 24</u>**

Din hija *notice of removal of liquidator* datata **<u>12 ta` Frar 1985</u>** fejn Management Advisory Services Limited tat avviz li ma kenitx

baqghet stralcarju ta` The County Development Co. Ltd. b`effett mit-2 ta` Frar 1985.

Anke fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija tidher il-kelma *Development* mhux *Developments* kif hemm fir-rikors promotur.

**v) <u>Fol 23</u>**

Din hija *notice of appointment of liquidator* datata **<u>15 ta` Frar 1985</u>** fejn Joanna Agius bhala stralcjarju tal-kumpannija The County Development Company Limited tat avviz tal-hatra taghha lir-Registratur.

Anke fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija tidher il-kelma *Development* mhux *Developments* kif hemm fir-rikors promotur.

**vi) <u>Fol 25 u 26</u>**

Dan huwa avviz datat **<u>27 ta` Frar 2014</u>** li kien ippubblikat ghall-fini tal-Art 325(3) tal-Kap 386 dwar numru ta` kumpanniji fosthom : The Country Development Company Limited C2296.

Fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija, kontra dak li jidher fir-rikors promotur, jidhru l-kliem *Country* mhux *County* u l-kelma *Development* mhux *Developments.*

**vi) <u>Fol 27 sa 30</u>**

Dan huwa avviz datat **<u>30 ta` Gunju 2014</u>** fejn inghad li numru ta` kumpanniji fosthom : The Country Developments Company Limited C2296 *were struck off the register in terms of subsection 3 of section 325 of the Companies Act 1995.*

Fil-kaz ta` dan id-dokument, ghandu jigi notat li fl-isem tal-kumpannija, kontra dak li jidher fir-rikors promotur, tidher il-kelma *Country* mhux *County.*

**vii) <u>Fol 22</u>**

Dan huwa l-avviz tar-rettifika mill-intimat datat **<u>1 ta` Lulju 2014</u>** li ghalih saret referenza minn Av. Dr. Claudette Fenech fix-xiehda taghha. L-avviz jaqra hekk :

*With reference to the notice published on 30th June 2014 regarding the Stricking Off of **C2296** the name should have read **The County Developments Company Limited.***

**Tajjeb jinghad illi mid-dokumenti kollha, li ghalihom saret referenza, <u>l-uniku</u> fejn l-isem tal-kumpannija deher korrettement kien f`dan l-avviz tal-1 ta` Lulju 2014.**

## III. <u>In-nota tar-rikorrenti tat-8 ta` Jannar 2020</u>

**Minkejja dak li nghad mir-rikorrenti fin-nota taghhom tat-8 ta` Jannar 2020, ma jirrizultax mill-atti li l-intimat irrinunzja formalment ghall-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum.**

## IV. <u>L-Art 325(3) (4) u (5) tal-Kap 386</u>

**L-Art 325 tal-Kap 386 huwa kompost minn seba` (7) subartikoli.**

**L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija de qua abbazi tas-subartikolu tlieta (3).**

**Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li dak l-isem jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4).**

**L-intimat qieghed jeccepixxi l-estinzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti abbazi tas-subartikolu (4).**

**Ma` dawn id-disposizzjonijiet, il-Qorti zzid is-subartikolu (5) ghax ghandu rilevanza ghall-kwistjoni odjerna.**

**<u>Is-subartikolu (3)</u>** ighid hekk :-

*Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

**<u>Is-subartikolu (4)</u>** ighid hekk :

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li*

*kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

**Is-subartikolu (5)** jaqra :-

*Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

## V. Konsiderazzjonijiet ta` Dritt

Il-Qorti sejra tirreferi ghal aspetti ta` dritt li johorgu mil-ligi generali li jghoddu ghall-kwistjoni tal-lum.

**Fl-ewwel lok, il-hames snin li huma ndikati fis-subartikolu (4) humiex perijodu ta` preskrizzjoni jew ta` dekadenza.**

Ghalkemm fl-eccezzjoni, l-intimat jeccepixxi l-preskrizzjoni, il-hames snin li jissemmew fis-subartikolu (4) huma perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.

Id-differenza bejn it-tnejn hija li filwaqt li fil-kaz tal-preskrizzjoni, din hija soggetta ghal sospensjoni u/jew interruzzjoni bil-modalijiet stabbiliti fil-ligi, fil-kaz ta` perijodu ta` dekadenza, dan ma jistax jigi nterrott jew sospiz, u ghalhekk jekk ighaddi bla ma tittiehed azzjoni, jaqa` d-dritt tal-azzjoni.

Mid-dicitura tas-subartikolu (4) huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-legislatur haseb ghal perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.

**<u>Fit-tieni lok</u>, il-prova tal-eccezzjoni tispetta lill-intimat.**

Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta jew perenta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni. Ghalhekk fuq l-intimat jinsab l-oneru tal-prova li r-rikorrenti ghaddielhom iz-zmien utli sabiex iressqu l-kawza. Min jeccepixxi l-preskrizzjoni jew id-dekadenza, huwa obbligat li jaghmel il-prova sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Fit-tielet lok</u>, il-prova trid tkun l-ahjar.**

Ladarba l-prova tad-dekadenza tal-azzjoni tispetta lill-intimat, jispetta wkoll lill-intimat l-obbligu li jgib l-ahjar prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, obbligu dan li, skont l-**<u>Art 559 tal-Kap 12</u>**, ghandu jigi mpost mill-qorti stess.

**<u>Fir-raba` lok</u>, il-preskrizzjoni, jew fil-kaz tal-lum id-dekadenza, ghandhom jinghataw tifsira restrittiva.**

Il-preskrizzjoni u d-dekadenza huma istituti li min-natura taghhom ghandhom jitqiesu f`parametri legali stretti. Dan ifisser illi jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien de quo, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni jew id-dekadenza.

## VI. <u>Risultanzi</u>

**L-intimat qieghed jikkontendi li l-azzjoni tar-rikorrenti waqghet ghaliex ipprezentaw ir-rikors odjern <u>wara</u> li ghaddew hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpannija de qua, skont l-Art 325(4) tal-Kap 386.**

**Il-Qorti tistqarr *in primis* li fil-kors tal-procediment odjern kellha l-okkazjoni li tesperjenza *A Comedy of Errors.***

**Bl-osservazzjoni taghha, il-Qorti la ghandha u lanqas trid tixref la fit-titolu u lanqas fit-trama tal-kapolavur ta` William Shakespeare.**

**Pero` trid tistqarr li fejn si tratta ta` dokumenti legali pubblici l-osservanza tar-regoli stabbiliti mil-ligi ghandha tilhaq il-milja taghha, *senza se e senza ma !***

**Tghid dan ghaliex kull fejn kollox jithalla jghaddi, qisu xejn mhu xejn, hemm allura min ikun ippermetta li dan isir ma jistax jippretendi harsien, ghaliex altrimenti s-saltna tad-dritt tigi fix-xejn.**

**Fl-isfond ta` dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti taghmel dawn il-kwesiti :-**

**<u>L-ewwel kwesit</u> :**

Kif jista` l-intimat jeccepixxi d-dekadenza tal-azzjoni odjerna meta ma pprezentax l-ahjar provi li kellu l-obbligu li jaghmel ?

Apparti x-xiehda tal-Av. Dr. Claudette Fenech, l-intimat ma ghamel ebda prova **<u>tal-avvizi</u>** li suppost baghat abbazi tal-Art 325(3) tal-Kap 386.

**Dawn kellhom jikkostitwixxu l-ahjar prova ladarba l-hames snin kellhom jiskattaw b`modalita` stabbilita mil-ligi.**

Tista` l-Qorti toqghod biss fuq ix-xiehda tal-Av. Fenech meta l-ahjar prova kienet kostitwita minn dokumenti li suppost baghat l-intimat ?

*Certo che` no !*

**Fuq din il-materja biss l-eccezzjoni odjerna kellha tkun respinta.**

**Il-Qorti ma waqfitx hemm sabiex tiskansa kull ekwivoku.**

**Marret ghat-<u>tieni kwesit</u> :**

Ghandha l-Qorti taccetta *a comedy of errors* fejn fil-kaz odjern irrizulta li sa mill-ewwel att li dahal ghand l-intimat mid-dokumenti esebiti l-isem tal-kumpannija de qua kien muri zbaljat u hekk baqa` jigi muri sal-1 ta` Lulju 2014 ?

**<u>It-tielet kwesit</u> :**

Jista` xi hadd, bl-izbalji kollha li saru, ighid li l-bidu tat-terminu ta` dekadenza tal-hames snin kellu jkun divers minn dak tal-1 ta` Lulju 2014 ?

*Certo che` no !*

**Tenut kont tal-mod kif svolgew il-fatti fil-kaz odjern, il-*puntum temporis* minn fejn kellhom jiskattaw il-hames snin ta` dekadenza kellu jkun l-<u>1 ta` Lulju 2014</u>.**

**Ladarba rrizulta li l-azzjoni tar-rikorrenti kienet prezentata fit-28 ta` Gunju 2019, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tar-rikorrenti sollevata mill-intimat abbazi tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Dwar l-ispejjez ta` dan il-provvediment, tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez `il quddiem.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**